**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 20 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 570/01 AE**

**Citadel Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sammy El Saghir, sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Sammy El Saghir**

**vs**

**Mario Bugeja.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' elf mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm1,223.69) , danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Notabile, Attard bejn il-vettura numru AAB 682 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru IBD 429 misjuqa minn Isabelle El Saghir, liema incident sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut.

Ra r-risposta mill-konvenut (fol. 5) fejn huwa kkontesta r-responsabbilta ghall-incident tat-traffiku.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni.

Ra l-verbal tat-13 ta' Novembru 2001 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. L-atturi qeghdin jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li l-konvenut jigi kkundannat ihallas id-danni li sofrew minhabba incident stradali li sehh fl-14 ta' Lulju 1999 gewwa Triq Notabile, Attard (quddiem Oxford House) bejn van Escort misjuq mill-konvenut u l-karrozza Volkswagen Polo misjuqa minn mart l-attur. Il-kumpannija assiguratrici qeghda tagixxi in kwantu giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha (l-attur) wara li hallset id-danni sofferti minnu in forza tal-polza comprehensive.

2. Isabelle El Saghir sostniet li waqt li kienet ghaddejja minn Triq Notabile sejra fid-direzzjoni tal-Hamrun, harget il-vettura misjuqa mill-konvenut minn taht l-arkati li hemm fuq ix-xellug. Iddikjarat li meta l-konvenut kien hiereg ghal fuq Triq Notabile kien qieghed ihares fuq ix-xellug tieghu. Ikkonfermat ukoll li *"jiena kont*

*ipparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq, jigifieri fejn hemm il-hanut tal-Kodak. Jiena qsamt Notabile Road biex immur nibda ghad-direzzjoni lejn il-Hamrun".*

3. Il-konvenut jikkonferma li huwa hareg minn taht l-arkati u ried jaqsam Triq Notabile u jsuq fid-direzzjoni tar-Rabat. Kompla jghid li qabel ma hareg fuq Triq Notabile *"jiena harist kemm fuq ix-xellug kif ukoll fuq il-lemin. Kont qieghed naqsam Triq Notabile, sibt ma' wicci vettura tal-marka Volkswagen Polo Classic. Jiena ma nafx minn fejn giet din il-karrozza pero' ghalija din il-karrozza giet ezatt mill-faccata tieghi".*

M'hemmx dubju li f'dan il-kaz Triq Notabile hija t-triq principali fir-rigward tat-triq li minnha hareg il-konvenut. Min ikun hiereg minn triq sekondarja (il-konvenut f'dan il-kaz) ghandu juza' l-massima prudenza u ghandu r-responsabbilta shiha li ma jazzardax jirfes fuq it-triq qabel ma jkun accerta ruhu ghal kollox illi dik kienet hielsa minn kull traffiku fiz-zewg direzzjonijiet. Ghalhekk il-grad ta' diligenza li jrid josserva s-*side road user* huwa bil-ferm akbar minn dak li ghandu josserva l-*main road user*. F'dan ir-rigward japplikaw il-principji, *"id-driver li jkun diehel minn go side road ghal go main road, ghandu certi doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road li jesplora tajjeb il-main road qabel johrog fiha u dak li jmexxi dead slow u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-main road user ghandu wkoll joqghod attent fil-*

*crossroads imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas"* (Vol. XXXVII.iv.1137). Kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Randolph Camilleri proprio et nomine vs Raymond Tabone** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civli: *"Kien jinkombi fuq l-attrici bhala 'side road user' illi fil-punt fejn jiltaqghu z-zewg toroq tieqaf zobtu biex tesplora xi traffiku jkun gej fuq it-triq principali u kienet obbligata li ma tazzardax tifrex fuq din it-triq qabel ma tkun accertat ruhha li setghet taghmel hekk bla perikolu ghaliha u ghall-vetturi ohra".* L-obbligu ta' l-utent tat-triq laterali huwa *"li jcedi ghat-traffiku li jkun ghaddej fil-main road (ghaliex dan it-traffiku ghandu d-dritta) li jesplora tajjeb it-triq li ser johrog fiha u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li ser johrog bla hsara"* (**Camilleri vs Demicoli** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Lulju 1981).

4. Fil-kawza fl-ismijiet **Vella vs Stofford** (Vol. I.126): *"che per aver luogo l'azione per il risarcimento dei danni, non e' sufficiente la prova di essere sofferto un determinato danno nella proprieta', ma bisogna ancora dimostrarsi di essere avvenuto il danno per colpa e fatto della persona da cui si pretende il risarcimento".* L-istess inghad fil-kawza fl-ismijiet **Ellul v Mamo** (Vol. XLI.i.800): *"illi hu elementari li 'per dare luogo a responsabilita' e' necessario che esista un rapporto di causa ed effetto tra il fatto illecito ed il danno"*. Fil-kawza fl-ismijiet **G. Sare' v C. Farrugia et** (Vol. XXVII.i.687) il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat: *"Che perche' possa una persona ritenersi responsabile dei danni fa mestiere che chi reclama*

*l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'ommissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o l'ommissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dell'istante".*

5. Filwaqt li fil-mument li sehh l-incident il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ghadha qeghda taqsam Triq Notabile, mill-provi jidher li l-vettura misjuqa minn Isabelle El Saghir kienet diga' qasmet in-naha l-ohra ta' Triq Notabile (igifieri dik il-parti li minnha jghaddu vetturi sejrin fid-direzzjoni tar-Rabat) u kienet tinsab fin-nofs tat-triq li taqsam iz-zewg sensi tat-triq. Anke r-ritratti li jinsabu fl-atti (fol. 32-33) jikkonfermaw dan.

6. Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni moghtija mill-konvenut m'hijiex wahda kredibbli. Huwa xehed li:

   (a) Il-kollizzjoni kienet *"head on collision"* (fol. 43). Meta mbaghad intwera r-ritratti li hemm ezebiti a fol. 31-33 tal-process, biddel il-verzjoni.

   (b) *"ma naqbilx illi fil-hin li kont hiereg ghal Triq Notabile, jien kont qieghed inhares fuq ix-xellug tieghi. Qabel ma hrigt harist fuq ix-xellug u fuq il-lemin, imbaghad* ***rajt li mhux gejjin karrozzi miz-zewg direzzjonijiet u kont qieghed nhares***

***il-quddiem fejn kont hiereg**”* (fol. 45). F’dan ir-rigward il-konvenut jikkontradici lilu nnifsu meta fil-kors ta’ l-istess xhieda qal ***“ma nafx minn fejn giet din il-karrozza, pero ghalija din il-karrozza giet ezatt mill-faccata tieghi”*** (fol. 43). Jekk kif ighid hu kien qieghed ihares ‘il quddiem u l-vettura misjuqa minn Isabelle El Saghir giet minn faccata, kellu jaraha. F’dan ir-rigward il-pulizija li nvestiga l-kaz (ara xhieda tieghu moghtija fis-seduta tat-13 ta’ Novembru 2001) ikkontradica wkoll lill-konvenut: *“Meta jiena tkellimt ma’ Mario Bugeja jiena staqsejtu jekk kienx ra il-vettura Volkswagen u **qallli li ma kienx raha ghaliex dak il-hin kien qieghed ihares fuq ix-xellug**”*. F’kull kaz, *“keeping a proper look out means more than looking straight ahead; it includes an awareness of what is happening in one’s immediate vicinity”* (ara sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **John Gauci Maistre vs Colin Galea** deciza fil-21 ta’ Frar 1994).

Inoltre, fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ikkundanna lilu nnifsu meta huwa stess stqarr *“jiena ma nafx minn fejn giet din il-karrozza”* (fol. 43). Il-konvenut kellu vizwali adegwata mnejn kienet gejja l-vettura l-ohra biex jirrealizza bil-prezenza taghha. Minn kliem il-konvenut wiehed jasal ghal konkluzjoni li qabad u qasam, u dan kien il-fattur li pprovoka l-incident u li kien il-kawza prossima tieghu.

7. B'riferenza ghas-sewqan ta' Isabelle El Saghir, it-Tribunal kellu l-opportunita li jmur fuq il-post ta' l-incident. Ma jidhirx li Isabelle Saghir saqet kontra l-*"flow of traffic"* li jkun sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat. Fejn kienet ipparkjata il-vettura taghha qabel ma sehh l-incident hemm triq laterali (Triq il-Merghat) li tizbokka ghal fuq Triq Notabile. Jidher li vetturi li johorgu minn Triq il-Merghat jistghu jaqsmu Triq Notabile minghajr ma jsuqu kontra l-*"flow of traffic"*. Inoltre, it-Tribunal huwa tal-fehma li fil-hin ta' l-incident il-vettura Volkswagen Polo kienet il-*"main road user"*, u dan minkejja l-fatt li kienet ghadha fin-nofs tat-triq.

8. Fir-rigward tad-danni reklamati mill-atturi, fil-kors tal-proceduri ma saret ebda kontestazzjoni min-naha tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa' t-talba ta' l-atturi u filwaqt li jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Notabile fl-14 ta' Lulju 1999, jikkundannah sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' elf mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm1,223.69) in lineja ta' danni. L-imghax jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) ikunu ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**